# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  25 / 17RGM

Kawza fil-lista:  13

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat, C D, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu E D li twieldet fis-27 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (27/5/2012) u llum ghandu erba' snin;

2. Illi l-partijiet kienu jghixu flimkien izda llum huma mifrudin u l-intimat ghandu dhul regolari mid-dipartiment tas-sigurta` socjali;

3. Illi l-esponenti ma tahdimx minhabba l-eta` tal-istess minuri u tghix bl-assistenza socjali;

4. Illi t-tifel minuri jghix ma' l-esponenti b'dar bil-kera u b'hekk hemm bzonn li l-manteniment tithallas regolarment;

5. Illi l-esponenti tiehu hsieb il-minuri wahedha minghajr ebda ghajnuna mill-konvenut u ghalhekk qieghda jkollha diffikultajiet minhabba li m'ghandhiex il-kura u l-kustodja u m'ghandhiex kuntatt mal-konvenut u fil-fatt l-esponenti kellha problema meta t-tifel beda skola;

6. Illi di piu` l-intimat ma jzommx kuntatt mal-minuri u qieghed jikkawzalha hsara psikologika u fil-fatt il-minuri qieghed fil-prezent jigi evalwat peress illi jbati mill-ADHD u l-awtizmu u fil-fatt ghandu problema ta' komunikazzjoni u nghata LSA mieghu l-iskola;

7. Illi fil-mori tal-medjazzjoni l-esponenti talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tiffissa manteniment li permess ta' digriet datat 19 ta' Jannar 2017 iffissat fl-ammont ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175) kull xahar oltra nofs l-ispejjez edukattivi u ta' sahha;

8. Illi minkejja li hemm digriet tal-Onorabbli Qorti l-konvenut m'huwiex qieghed jhallas il-manteniment u ghadu lanqas qatt ma hallas manteniment minn wara li spiccat ir-relazzjoni f'Mejju tal-2016 u lanqas minn meta harget id-digriet;

9. Illi permezz ta' digriet datat 12 ta' Dicembru 2016 l-esponenti giet awtorizzata li tipprocedi bil-kawza wara li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduti kollha tal-medjazzjoni;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jigi iffissat manteniment adegwat ghat-tifel minuri li ghandu biss erba' snin oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha;

2. Tiffissa access adegwat ghal konvenut peress li t-tifel jhoss in-nuqqas ta' missieru;

3. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-tifel minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti ommu A B, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fid-19 ta' Jannar 2017[1] fl-atti tal-medjazzjoni (Ittra Numru 1203/2016) li permezz tieghu C D gie ordnat ihallas lill-attrici manteniment *pendente lite* fis-somma ta' €175 fix-xahar ghall-minuri E D, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tieghu;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-6 ta' Gunju 2017 fejn ordnat illi l-manteniment ordnat b'digriet tad-19 ta' Jannar 2017 kontra C D (I.D. 505272M) fl-interess tal-minuri E D ghandu jinqata' mill-beneficcji u l-assistenza socjali li C D jircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u jigi mhallas direttament lil A B (I.D. 407572M);

Rat id-digriet taghha wkoll moghti fl-istess udjenza tas-6 ta' Gunju 2017 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-medjazzjoni (Ittra Numru 1203/2016) fl-ismijiet A B vs C B maghluqa b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2016;

Rat l-atti ta' l-istess medjazzjoni (Ittra Numru 1203/2016);

Semghet il-provi bil-gurament u rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob, in sostanza, li tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva ta' bin il-minuri tal-partijiet, E D, bid-dritt li tiehu wahedha d-decizjonijiet kollha rigward il-minuri, u li jigi stabbilit dritt ta' access ghall-minuri a favur il-konvenut. L-attrici titlob ukoll li tigi ffissata dik is-somma li ghandu jhallas il-konvenut in linea ta' manteniment ghall-istess minuri, oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma pprezentax risposta guramentata fl-atti, u lanqas deher ghas-seduti quddiem il-Qorti. Ghalhekk, billi l-konvenut huwa kontumaci, il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni ta' l-attrici.

**<u>Provi</u>**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit fejn spjegat:

*Jiena iltqajt ma' C D permess tal-internet meta hu kien qieghed il-*

[1] A fol. 34.

*Forensic Unit jiskonta sentenza. Hu kellu laptop u mowbajl u konna nitkellmu kuljum. Wara xi hmistax ftehmna li jien mmur narah ghax huma kelllhom dritt ghal vizti. Infatti jiena kienu jehduli d-dettalji tieghi meta kont mmur narah. Kont mmur bejn erbgha u hames darbiet fil-gimgha u sirt nafu aktar. Ghamilt xi hmistax mmur narah u wara qalli biex ma mmurx aktar ghax kellu tfajla u jiena ma bqajtx immur.*

*Wara xahrejn cempilli u qalli "erga' ibda ejja arani" ghax ma kienx ghadu ma l-ohra. Kont insajjarlu u nohodlu l-affarijiet u kont ukoll nuza l-kcina t'hemmhekk u kont insajjar ghalih u ghal resident ohrajn. Nispjega li l-forensic unit hija dar bil-bitha u l-vizti jsiru fil-bitha, fil-kcina jew fir-reception kif tidhol. Ghamilt xi sitt xhur immur narah regolari u kont sirt nhobbu u ridt nghinu. Kien waqt illi kien hemmhekk illi jiena hrigt tqila. Wara li sar jaf illi jiena kont tqila qalli biex ma mmurx izjed narah ghax qal lijekk iinqabad illli kellu kuntat sesswali mieghi kien jehel xi sentejn ohra prigunerija. Jiena rneta rajt hekk mort nghid il-kbir tal-habs li jismu Ibrahim, u hu nehhieh mill-Forensic Unit u nizzlu l-habs. Meta twieled it-tifel, Nashon, jiena cempiltlu u qalli biex naghmlu fuqu. Jiena mort nirregistrah u ktibt li l-missier kien C D u meta qaluli li l-missier ried jiffirma jiena ghidilhom li l-missier kien il-habs u kien hemm xi hadd, jismu Joe ma nafx x'kunjomu, mill-ufficju li dahhalni u qalli li kien ser jibghat e-mail lil habs biex jgibuh l-ufficju tar-registru pubbliku biex jiffirma, u bghat l-email quddiemi. Jiena mbaghad cempiltlu l-habs biex nghidlu li kienu ser jibghatu e mail u hu qalli x'ghamiltli!! U fil-fatt ma marx jiffirma u ghal-ewwel it-tifel kellu jigi registrat bhala rnissier mhux maghruf u kunjomu kien Farrugia, li hu l-kunjom tieghi xebba.*

*Jiena kelli niftahlu kawza fil-Qorti tal-familja biex jigi rikonoxxut illi hu l-missier ta' E. C D xehed quddiem l-Imhallef fejn ammetta li t-tifel kien tieghu. Wara, fil-23 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tat sentenza fejn it-tifel gie ddikjarat illi huwa t-tifel ta' C D u fil-fatt kunjomu nbiddel minn Farrugia ghal D.*

*Meta t-tifel kellu xi sena Reginalld D kien cempilli mill-habs u qalli biex nibda niehu t-tifel l-habs biex jarah. Jiena hadtulu xi hames darbiet u fil-fatt hu kien wasal biex johrog mill-habs. Meta hareg mill-habs qalli biex immur ghalih u fil-fatt gie d-dar tieghi u raqad ghandi u baqa' jghix mieghi ghal xi disa' xhur. Kellna xi nghidu u keccejtu l-barra ghax meta konna barra beda jgib ruhu hazin hafna mieghi u man-nies. Jiena mbaghad bdejt il-proceduri fil-Qorti tal-medjazzjoni sabiex ninghata manteniment u l-kura u kustodja ta' E u kien hareg digriet ta' €256 fix-xahar. Kont ukoll ftaht il-kawza bin-numru 281/2015 RM pero` ma komplejtx bil-proceduri fil-Qorti tal-familja peress illi konna irrangajna.*

*Jiena kont ukoll bdejt naghmel ir-rapporti fl-ghassa tal-pulizija ghax minkejja li kien hemm digriet tal-Qorti dwar il-maneniment, C ma kien hallas xejn. Qabel ma*

*tressaq il-Qorti Kriminali, C rega' cempilli u qalli biex niltaqghu, u hrigna flimkien gurnata u ghamilna xi gimgha flimkien ghax kont nithassru ghax kellu l-vizzju tad-droga u kien jkun sick u fil-fatt gibtu joqghod mieghi biex nipprova nghinu u niehu hsiebu. Ghalhekk meta deherna l-Qorti Kriminali jiena waqqajt l-akkuza kontra C D.*

*C rega' gie jghix ghandi ghal sitt xhur ohra. Jiena ghandi erbat itfal, tlett itfal mir-ragel li kont mizzewga u li llum huma kollha kbar u jahdmu u t-tifel E li ghandi minn ma' C. It-tifel iz-zghir miz-zwieg, Noah, li ghandu sbatax-il kien qalli li sab xi tlett mitt ewro neqsin, imbaghad Breydon, tan-nofs qalli li sab xi mija u hamsin ewro neqsin u wara xi xahar iehor Noah rega` sab mitejn ewro neqsin. Ghall-ewwel jiena ma ssuspettajtx hazin f'C ghax kien qalli li ma kienx ghadu jiehu drogi u kien jiehru l-mistura kuljum. Kellu ugigh fl-istonku u mar l-isptar u qaluli li ghandu il-Hepatitis C jiena ma riedtux jigi d-dar ghax bzajt li ttiehed. Jiena ghamluli test l-isptar il-GU Clinic biex jaraw kellix il-Hepatatis u wara gimgha gie rizultat li ma kelli xejn. Raguni ohra kienet li dakinhar li kien l-isptar it-tifel qalli li kien ra lil C bil-labra.*

*Minn dakinhar l'hawn jiena m'ghadniex inzomm kuntatt mieghu. Ricentament ergajt bdejt il-proceduri ghal kura u kustodja u manteniment fil-Qorti tal-Familja, ftaht il-medjazzjoni u hu qatt ma tela. Jiena ghamilt rikors biex nibda niehu manteniment u kien hemm digriet fejn il-Qorti ordnat hlas ta' manteniment ta' €175 fix-xahar. Hu kien wiegeb ghar-rikors tieghi jigifieri zgur kien jaf illi kien kemm ordni tal-mantenient ghalkemm jiena xorta bghat messagg lil C biex ninfurmah li ghandu jhallas manteniment ta' €175 fix-xahar izda sal-llum ,iiena ma thallast xejn. Dan il-manteniment huwa ftit wisq ghal E ghax jiena nonfoq ferm aktar minn 350 ewro fix-xahar, fil-fatt nofoq aktar vicin il-500 euro u dan apparti l-ispejjez ta' sahha, hwejjeg u edukazzjoni. Aktar ma jikber it-tifel aktar ma huma ser jizdiedu l-ispejjez tal-edukazzjoni.*

*Jiena nghix bil-relief ta' hames mija u sittin ewro (€560) fix-xahar u nhallas kera ta' sittin ewro (€60) fix-xahar. Jiena hhalissa qieghda f' relazzjoni ma' hu C li jismu Thomas. Ahna ma nghixux flimkien imma r-relazzjoni sejra tajba hafna s'issa.*

*It-tifel jaf li missieru C u meta jara xi ritratt tieghu jghid "my daddy". It-tifel ghandu erbgha snin u ghandu l-awtizmu u ghandu LSA l-iskola. Jiena l-biza tieghi jekk it-tifel jkun ma' missieru huwa li jiffrekwenta postijiet mhux xierqa u li jekk ghandu Hepatatis;ghandi biza' li din tittiehed lit-tifel.*

**<u>Provi Ohra</u>**

Il-Qorti semghet ukoll[2] ix-xhieda ta' **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobs Plus, u ta' **Dr. Elizabeth Quintano**, Assistent Registratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, kif ukoll ix-xhieda ta' **Ivan Cilia** in rapprezentanza tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, u rat id-dokumenti minnhom esebiti[3] kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti mill-attrici[4].

**<u>Kura u Kustodja tal-Minuri</u>**

Ghalkemm il-vertenza f'din il-kawza m'hijiex bejn koppja mizzewga li qed tissepara, jibqa' dejjem relevanti dak li jipprovdi **Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*":-

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*
*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*
*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*
*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*
*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom tifel minuri, E li ser jaghlaq sitt snin. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid illi hija ma ghandha ebda kuntatt mal-konvenut u dan minn mindu ma baqax jghix fir-residenza taghha wara li spiccat ir-relazzjoni taghhom f'Mejju 2016. Din il-verzjoni giet konfortata mir-risposta pprezentata mill-konvenut fit-18 ta' Jannar 2017 fl-atti tal-medjazzjoni Numru 1203/2016, fejn skont l-istess konvenut, sa dak iz-zmien huwa kien ilu sitt xhur ma jara lil ibnu. Billi ma ngabu ebda provi biex jintwera illi fil-mori tal-kawza l-konvenut beda jezercita access ghall-minuri, il-Qorti taghraf li l-kuntatt bejn il-konvenut u ibnu ilu nieqes kompletament ghal cirka sena u nofs. Jidher li minn dak iz-zmien 'l hawn, il-konvenut ma ghamel ebda tentattiv iehor biex jara lil ibnu.

[2] Udjenza tas-6 ta' Gunju 2017.
[3] Dok. JP1 u JP2, u Dok. Q1 sa Q18. a fol. 68 *et seq.*
[4] Fol. 44 *et seq.* u fol. 148 *et seq.*

Mil-lat legali, ma jirrizultax illi inghata xi digriet *pendente lite* li jirregola l-ezercizzju ta' l-access tal-konvenut ghall-minuri u l-konvenut lanqas deher f'din il-kawza biex jitlob lill-Qorti takkordalu access u tistabbilixxi modalitajiet ta' dan l-access. Jidher ukoll li l-konvenut kien wera l-istess nuqqas ta' interess fil-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet[5], fejn baqa' ma attendiex ghas-sessjonijiet relattivi.

Inoltre jirrizulta li l-konvenut jonqos ukoll b'mod sistematiku milli jivversa l-manteniment ghall-minuri li gie ordnat ihallas *pendente lite* permezz ta' digriet moghti fid-19 ta' Jannar 2017. Skont l-attrici, minn mindu nghata d-digriet tad-19 ta' Jannar 2017, il-konvenut ma hallas ebda manteniment, qabel s'intendi il-manteniment beda jitnaqqas mill-beneficcji socjali percepiti mill-konvenut u jithallas direttament lilha b'effett tad-digriet moghti fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2017. Jirrizulta pjuttost evidenti mill-provi li l-partijiet ma ghandhom ebda rapport u komunikazzjoni bejniethom, lanqas rigward il-minuri.

Jirrizulta wkoll illi l-minuri jbati minn diffikoltajiet fil-komunikazzjoni, kuntatt socjali u taghlim akkademiku, taht il-kappa generali tal-kundizzjoni maghrufa bhala "*ADHD*"[6], tant li skont l-attrici gie assenjat *Learning Support Assistant* l-iskola kif ukoll gie rakkomandat ukoll li jattendi ghal sessjonijiet fil-*Child Development Assessment Unit* [CDAU] ta' l-Isptar San Luqa. Ghalkemm il-Qorti tosserva li kien il-konvenut stess li kien akkumpanja lill-minuri fil-Klinika Psikologika (CDAU) biex isirlu *psychological assessment* f'April tas-sena 2016[7], fil-fehma taghha ir-relazzjoni tal-konvenut ma' ibnu u l-ahjar interessi tal-minuri ma ghadhiex tikkonfigura fost il-prijoritajiet ta' l-istess konvenut, minkejja dak li jallega l-konvenut fir-risposta minnu pprezenta fl-atti tal-Medjazzjoni Numru 1203/16 fit-18 ta' Jannar 2017. Il-konvenut baqa' ma wera ebda interess ulterjuri f'ibnu, minkejja dawn il-problemi li evidentement qed jirriskontra l-istess minuri fl-izvilupp u l-edukazzjoni tieghu.

Fuq kollox pero`, jirrizulta b'mod manifest mill-provi akkwiziti illi l-konvenut m'huwiex affattu bniedem affidabbli. Il-Qorti hija ferm imhassba dwar l-istorja kriminali tal-konvenut li jidher li wasslitu biex iqatta' iktar minn seba' snin il-habs[8], kif ukoll dwar il-vizzju evidenti tad-droga li hakmitlu hajtu u li, talanqas sitt xhur qabel giet intavolata din il-kawza, jidher li kien ghadu prezenti.

---

[5] Ittra Numru 1203/16.

[6] Ara rapport esebiti bhala Dok. B mar-rikors guramentat, a fol. 10 *et seq*.

[7] Fol. 22.

[8] Il-konvenut instab hati fuq akkuzi innumerabbli ta' serq, ricettazzjoni, hsara volontarja, pussess illegali ta' droga eroina u kokaina, ksur ta' provvedimenti ta' sentenzi dwar pieni karcerarji – Dok. Q2 sa Q16.

Fic-cirkostanzi, partikolari tal-kaz odjern tapplika l-gurisprudenza citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **"Fabian Tabone vs Liliana Caruana" (Cit. Nru. 219/13RGM) deciza fit-18 ta' Lulju 2017** illi f'kazijiet fejn iz-zewg genituri ma ghandhomx rapport tajjeb ta' komunikazzjoni bejniethom u mhux kapaci li jitkellmu b'mod civili, il-kuncett ta' kura u kustodja kongunitva ghandu jigi skarat, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz odjern, il-kura u kustodja tal-minuri ma tistax tigi fdata hlief lill-attrici wahedha. Ghalkemm il-Qorti tinnota b'dispjacir u tiddeplora l-agir tal-attrici kif jidher f'uhud mir-ritratti esebiti mill-konvenut[9], partikolarment ir-ritratt tal-minuri mmarkat bin-numru 18, u tittama serjament li l-minuri ma jigix espost ghal cirkostanzi, ezempji u komportament mhux xieraq da parti ta' ommu l-attrici, jibqa' l-fatt illi l-konvenut kjarament mhux addossat bil-kwalitajiet ta' missier affidabbli u serju, oltre li m'huwiex interessat, biex ikollu rapport ma' ibnu ahseb u ara li jkun fdat b'xi responsabbilita` ghall-kura tieghu. Fl-istess hin il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex issegwi lill-minuri u tipprezenta rapport ghat-tlett snin li gejjin.

Il-Qorti pero' m'hijiex qieghda tipprekludi b'mod permanenti kull kuntatt bejn il-missier u l-minuri. Dan ma jistax isehh qabel il-konvenut juri talanqas ir-rieda li jixtieq li jerga' jistabbilixxi kuntatt ma' uliedu, juri illi jifhem li ghandu rwol ta' missier li ghandu jkun responsabbli lejn ibnu, <u>u</u> jghix hajja stabbli hielsa minn vizzji li jistghu jkunu ta' detriment ghall-istess minuri. F'kull kaz, ebda access ma jista' jibda jigi ezercitat mill-konvenut hlief taht supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg.

F'dan il-kaz, ma hemm ebda dubju kwalsiasi fil-fehma tal-Qorti illi l-ahjar interess tal-minuri jesigi li l-kura u kustodja ordinarja tieghu tigi fdata esklussivament lill-attrici u illi l-minuri jibqa' joqghod bhala residenza principali tieghu, ma' l-istess attrici. Fic-cirkostanzi, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jezistu, talanqas f'dan l-istadju, l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz ukoll mid-decizjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni kif ukoll decizjonijiet <u>ordinarji</u> dwar is-sahha tal-minuri inkluzi decizjonijiet dwar il-kundizzjoni ta' *Attention Deficit Hyperactiviy Deficiency* (ADHD) li jbati minnha, izda mhux ukoll dwar safar u decizjonijiet staordinarji konnessi mas-sahha tal-minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri E D tkun esklussivament f'idejn ommu, l-istess attrici ghandha tiehu wahedha dawk id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji rigward l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar sahha tal-minuri inkluzi decizjonijiet konnessi mal-kundizzjoni ta' *Attention Deficit Hyperactiviy Deficiency* (ADHD) li jbati minnha l-istess minuri. Il-konvenut ghandu d-dritt f'kull kaz li jircievi t-taghrif kollu

[9] Mar-risposta tieghu tat-18 ta' Jannar 2017 fl-atti tal-medjazzjoni Numru 1203/16.

dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri. Madanakollu, decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-sahha tal-minuri u li ma jikkoncernawx il-kundizzjoni ta' ADHD, kif ukoll decizjonijiet dwar safar tal-minuri u hrug ta' passaport ghall-istess minuri, ghandhom jittiehdu flimkien miz-zewg genituri. Fin-nuqqas ta' ftehim isir rikors lill-Qorti.

**Manteniment ghall-Minuri**

F'dan il-kaz tal-lum, il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin izda fil-qasam tal-manteniment ghall-minuri, japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, sewwa sew jekk m'humiex mizzewgin. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**L-Artikolu 3B** jipprovdi hekk:-

***3B.*** *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

**<u>L-Artikolu 54</u>** jipprovdi hekk:-

***54.*** *(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*
*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

...

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*

...

*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati[10].

Ikkunsidrat;

In segwitu ghad-decizjoni gja` mehuda f'dan il-kaz li l-minuri E D ghandu jibqa' jirrisjedu ma' ommu l-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghall-istess minuri.

Mill-provi jirrizulta illi fis-sena 2016, l-attrici kellha introjtu konsistenti fi qligh minn impieg, fis-somma ta' €415 pju` s-somma ta' €5,129.74 f'beneficcji socjali, total ta' €5,544.74 (jew €462 fix-xahar). Il-Qorti tinnota illi dan id-dhul huwa ferm inqas minn dak percepit minnha in linea ta' beneficcji socjali ghas-sena 2015[11] li wahedhom lahhqu s-somma ta' €9,397 f'dik is-sena (jew €783 fix-xahar). L-attrici baqghet ma offrietx spjegazzjoni ghal dan it-tnaqqis konsiderevoli bejn sena u ohra, fl-ghajnuna socjali kif ukoll fis-sussidji u *allowances* tat-tfal li thallsu lilha, izda minn ezami ta' l-atti il-Qorti tifhem li dan it-tnaqqis jista' jkun konness mal-fatt illi ulied l-ohra ta' l-attrici lahqu l-eta` maggorenni u/jew naqas in-numru ta' persuni li jghixu flimkien ma' l-attrici fir-residenza taghha minn sena ghall-ohra.

---

[10] **Angela Conti vs Lawrence B** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015.

[11] Atti tal-Medjazzjoni Numru 1203/16, ittra tas-29 ta' Novembru 2016.

Fl-Affidavit taghha[12], l-attrici xehdet li hija tircievi fil-prezent is-somma ta' €560 fix-xahar in linea ta' beneficcji socjali, filwaqt illi mid-dokument (Dok. C) esebit minnha a fol. 150 jirrizulta li f'Mejju 2017 il-pagament minnha percepit in linea ta' beneficcji socjali kien ta' €535. Il-Qorti sejra ghalhekk tistrieh fuq il-figura medja ta' €545 fix-xahar jew €126 fil-gimgha, bhala rapprezentanti l-introjtu ta' l-attrici fil-prezent.

L-attrici tghid ukoll[13] illi kull xahar hija tinkorri spejjez ordinarji ghall-minuri biss, fis-somma ta' €544.80 u tippretendi minghand il-konvenut il-hlas ta' nofs dawn l-ispejjez cioe` s-somma ta' €272.40 fix-xahar bhala sehmu mill-manteniment tal-minuri.

Mill-provi akkwiziti pero`, il-Qorti tosserva illi m'huwiex daqshekk attendibbli illi l-attrici tonfoq is-somma ta' €544 fix-xahar fuq il-minuri biss meta dan l-ammont mhux talli huwa precizament ekwivalenti ghad-dhul totali taghha fix-xahar, talli skont il-verzjoni ta' l-istess attrici din is-somma tirrapprezenta l-ispejjez li tonfoq ghall-minuri biss u ma jinkludi lanqas l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Fir-rigward tabilhaqq tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, il-Qorti tosserva illi l-attrici ma gabet ebda prova kwalsiasi dwar l-ammont li tonfoq fir-rigward.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi[14] jirrizulta li l-konvenut jippercepixxi fil-prezent beneficcji socjali fis-somma ta' €90 fil-gimgha ossia s-somma komplessiva ta' €390 fix-xahar, liema ammont huwa ferm inferjuri ghal dak percepit mill-attrici. Minn dawn il-beneficcji, il-manteniment *pendente lite* stabbilit bid-digriet moghti fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet fid-19 ta' Jannar 2017, qed jigi mnaqqas u mhallas direttament lill-attrici permezz tad-digriet moghti fis-6 ta' Gunju 2017, bil-konsegwenza illi l-konvenut jifdallu f'idejh is-somma ta' €215 biss fl-ahhar tax-xahar.

Fic-cirkostanzi finanzjarji tal-konvenut, kif ukoll fid-dawl tal-kontradizzjoni li giet osservata bejn il-quantum ta' l-ispejjez li l-attrici tghid li tonfoq esklussivament ghall-minuri, u d-dhul taghha, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx xieraq jew gust li jizdied il-quantum tal-manteniment gia` ffissat, pjuttost hija tal-fehma illi dan l-ammont ghandu jitnaqqas, fid-dawl tal-premess, ghas-somma mensili ta' €150.

Fl-istess waqt, il-Qorti tifhem illi l-konvenut ma hallas ebda manteniment ghall-minuri qabel dan beda jinqata' direttament mill-beneficcji socjali li jippercepixxi

---

[12] Konfermat fit-28 ta' April 2017, a fol. 40 *et seq.*
[13] Nota u prospett ipprezentati fis-6 ta' Gunju 2017, a fol. 148.
[14] Xhieda ta' Ivan Cilia tat-22 ta' Novembru 2017, u d-dokumenti minnu esebiti a fol. 161 *et seq.*

mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali[15], u lanqas tista' twarrab il-fatt illi l-konvenut qatt ma hallas sehmu ta' nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri skont id-digriet moghti *pendente lite*. Billi wkoll ma jidhrix li hemm kuntatt bejn iz-zewg genituri, il-Qorti hija tal-fehma li jkun ahjar li tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tigbor fiha wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Ghalkemm l-attrici naqset milli tressaq prova tal-quantum ta' l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt illi l-minuri jattendi skola tal-Gvern[16] izda ghandu htigijiet specjali li bla dubju jissarrfu f'xi spejjez ulterjuri bhal terapija u possibbilment, medicini, qieghda tillikwdia *arbitrio boni viri* s-somma ta' tletin Euro (€30) fix-xahar bhala sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' edukazzjoni u spejjez tas-sahha tal-minuri, liema spejjez jinkludu dawk konnessi mal-kundizzjoni ta' ADHD li jbati minnha l-minuri, izda ma tinkludix l-ispejjez straordinarji tas-sahha tal-minuri, liema spejjez ta' l-ahhar ghandhom jithallsu nofs bin-nofs mill-genituri.

Qed jigi ghalhekk deciz li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mija u tmenin Euro (€180) fix-xahar ghall-minuri, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u spejjez ta' sahha u medicina tal-minuri, inkluz spejjez konnessi mal-kundizzjoni ta' ADHD li jbati minnha l-minuri. Spejjez straordinarji tas-sahha tal-minuri jithallsu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.

Dan il-manteniment ghandu jinqata' mill-beneficcji u l-assistenza socjali li l-konvenut jircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, u/jew minn kull dhul mill-impieg li jista' jkollu l-konvenut minn zmien ghal zmien, u jigi mhallas direttament lill-attrici. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq 18-il sena jekk jibqa' jistudja full-time u dan sakemm jaghlaq 23 sena jew item l-istudji full-time tieghu, skond liema avveniment isehh l-ewwel,

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba billi tordna li b'effett millum il-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri E D, is-somma ta' mija u

[15] Vide Dok. IC3.
[16] Vide fol. 23.

tmenin Euro (€180) fix-xahar liema somma tinkludi l-ispejjez ordinarji tas-sahha u medicina kif ukoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikolari tal-minuri, b'dan illi l-manteniment *pendente lite* ghandu jibqa' regolat bid-digrieti *pendente lite*, kollox skont kif ordnat supra taht l-intestatura "*Manteniment ghall-Minuri*".

2. Tichad f'dan l-istadju it-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba ta' l-attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D tkun fdata esklusivament f'idejn ommu l-attrici A B bil-kondizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja tal-Minuri*". Tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex issegwi lill-minuri u tipprezenta rapport annwali ghat-tlett snin li gejjin, l-ewwel wiehed sena millum. Kopja tas-sentenza ghandha tigi notifikata lill-Agenzija Appogg a karigu tar-Registratur tal-Qorti.

L-ispejjez jithallsu esklussivament mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**